MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru 985/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**KONTRA**

**ANTHONY MALLIA ta' 34 sena, iben Angelo u Philippa nee' Caruana, imwieled Tal-Pieta' nhar l-20 ta' Frar, 1975, residenti fil-fond 21, Kluyke Butterfly Street, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113275M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTHONY MALLIA** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Novembru, 2003 u matul l-ahhar xahar qabel din id-data gewwa l-Marsa u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew il jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew

xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metro mill-parametru ta' club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri l-Avukat Generali baghat il-Kontro-Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi Anthony Mallia gie arrestat minn go daru wara *raid* li taw il-pulizija fl-istess fond. Hemm instabu mohbija diversa droga u oggetti relatati ma' l-abbuz ta' l-istess. Skond ir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud:

*a. Ma nstabux sustanzi llegali fuq il-bicca karta li kien hemm fid-dokument 03 DEH 202 u l-bicca plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 03 DEH 205;*

*b. Illi l-haxix ahdar imfarrak li kien hemm fid-dokument 03 DEH 202, f'ammont nett totali ta' 0.235grammi, instab li kien weraq tal-pjanta tal-cannabis u fih instabet ukoll is-sustanza tetrahydrocannabinol, sustanza li tinstab fil-pjanta cannabis;*

*c. Illi fil-blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 03 DEH 202, f'ammont nett totali ta' 26.626, instabet fihom is-sustanza tetrahydrocannabinol. Is-sustanza tetrahydrocannabinol (TCH), li tigi mill-pjanta tal-*

*cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*d. Illi nstabu tracci tas-sustanza eroina fuq il-bicca foil b'ticpis kannella fuqha li kien hemm fid-dokument 03 DEH 205;*
*e. Illi fit-trab kannella li kien hemm fid-dokument 03 DEH 201, 202, u 204 f'ammont nett totali ta' 99.593 grammi, instabet fihom is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta*

(vide rapport DOK MM, minnu ezebit). L-istess Spizjar anke gie nominat biex jistabilixxi l-valur tad-droga misjuba ghand Anthony Mallia. Ghalhekk huwa rega' rrelata, DOK MM, folio 24 u wasal ghall-konkluzjoni *'….illi l-prezz imut totali ta' l-eroina u l-herbal cannabis, bla raza tal-pjanta tal-cannabis, kien jammonta ghal cirka Lm5,871.59.'* (folio 215).

Minn naha tieghu l-Perit Valerio Schembri fir-relazzjoni tieghu a folio 106 – 113 ikkonkluda li Marsa Racing Region Society, Samurai and Jujitsu Club GHQ – it-tnejn postijiet fejn jiltaqghu z-zghazagh jaqghu fid-distanza tal-mitt metru mill-fond numru 20, Triq il-Farfett, Marsa minn fejn il-pulizija elevat is-sustanza mertu ta' l-akkuzi.

Gie mahtur anke l-espert ta' l-impronti digitali Joseph Mallia li wara li ghamel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali ta' l-akkuzat u dawk elevati minn fuq id-droga misjuba wasal ghar-rizultat pozittiv ta' impronta wahda – bizzejjed fl-opinjoni ta' din il-Qorti stante c-cirkostanza li nstabet fiha d-droga biex torbot l-imputat ma' l-istess droga.

Minn naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa stqarrija a folio 9 – 10 tal-process. Fiha qal illi d-droga misjuba, kif hawn fuq deskritta, kienet kollha tieghu. Qal illi dik id-droga li kien misjub jaghmel uzu minnha waqt ir-*raid* kienet parti mid-droga misjuba. Spjega li cannabis u l-eroina misjuba fir-residenza tieghu kien sabha xi gimaghtejn qabel gewwa hajt tal-*bricks* li jaghmel parti minn sensiela ta' garaxxijiet gewwa Triq San Tumas, il-Marsa. Qal illi kien ra persuna

maskili diehla hemm, segwieha, ra li heba xi haga go toqba gol-hajt.

Innega li hu qatt biegh id-droga jew ta droga lil xi persuna. Innega li hu qatt ta droga lil Marouska Azzopardi – persuna li nstabet ghandu waqt ir-*raid* tal-pulizija. Ghazel illi ma jwegibx ghas-suggeriment lilu maghmul li hu kien ta droga lil Marouska diversi drabi ohra ghal favuri sesswali minn naha taghha.

Minn naha taghha Marouska Azzopardi rrilaxxat stqarrija li ghazlet li tigguramenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Hawn qalet illi verament kienet misjuba ghand Anthony Mallia dakinhar tar-*raid*, kien l-imputat illi cemplilha u stedinha li tmur ghandu tara t-*television*. Darba ghandu qalet illi Anthony hareg l-*aluminium foil*, l-eroina, u staqsieha jekk riditx taghmel uzu mil-istess droga. Hi accettat, tghid li t-tnejn ghamlu uzu mid-droga eroina. Qalet illi ghalkemm ma kinitx l-ewwel darba li ghamlet uzu mid-droga, kienet l-ewwel darba li Anthony Mallia kien taha b'xejn id-droga. Qalet illi qatt mas kienet hallset ghad-droga minghand Anthony Mallia, dan ghaliex kienet habiba tieghu. Qalet illi kienet taf li Anthony Mallia kien jaghmel uzu mid-droga.

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti ma tantx ghandha x'izzid ma' dak gia' espost. Certament l-akkuzi kif migjuba kontra Anthony Mallia kollha jirrizultaw, b'dan pero li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza, u r-raba' akuza assorbita fit-tielet akkuza, wara li rat l-Artikoli 8(A), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Reg 9 tal-GN 292/1939.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali ta' Anthony Mallia, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) u multa ta' €2,330;

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat Anthony Mallia li fi zmien xahar(1) mill-

lum ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghas-somma ta' €1,038.50.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------